MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1686/2002

**Western Company Limited**

**vs**

**Alfred Tabone**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta’ Lulju 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm472.00) rapprezentanti mport ta’ tmien (8) kambjali ta’ Lm59.000 il-wahda li mmaturaw fit-30 ta’ kull xahar bejn Settembru 1997 u Mejju 1998.
Bl-ispejjes legali u gudizzjarji, nkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju, u bl-imghax mid-data tal-maturita’ tal-kambjali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' John Sultana in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm472.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------